# IX-XOGĦOL TAN-NAR FIL-FESTI TAGĦNA

*Il-Pawlini jaħdmu l-ewwel kaxxa nfernali fir-Rabat*

*Noti mgħoddija mis-Sur Francis Giordmaina*

Il-festi tagħna ta' Corpus Domini u San Pawl jistgħu jiftaħru bi storja twila f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol tan-nar. Il-fatt li kien biss seba snin ilu, fl-1990 li nfetħet uffiċjalment il-Kamra tan-Nar San Pawl ma jfissirx li qabel ma kienx hemm numru ta' nies li taw saħħithom u ħinhom biex ir-Rabtin setgħu kull sena jiċċelebraw il-festa tagħhom bħal irħula u bliet oħra. Fl-antik dan kien ifisser aktar sagrifiċċju u fuq kollox aktar periklu u sogru. It-trasport u l-finanzi kienu limitati. Dan kien iwassal biex id-dilettanti tan-nar jfittxu xi razzett imwarrab u fih jaħdmu n-nar għall-festa. Dan tista' tgħid li kien isir f'ħafna rħula ta' Malta u Għawdex. Illum għall-grazzja t'Alla, il-kmamar tan-nar, speċjalment dawk ġodda, joffru kumdità biex wieħed jagħmel dan ix-xogħol b'aktar kumdità u f'iżjed sigurtà.



*Il-Kaxxa nfernali maħruqa mill-foss ta' wara l-Knisja Proto-Parrokkjali.*

Dawn li ġejjin huma biss noti dwar x'ġara f'dan ir-rigward fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

In-numru ta' dilettanti tan-nar Rabtin Pawlini kien dejjem wieħed kbir u fih kien jinkludi nies minn kull strata tal-ħajja. Fost l-aktar antiki mill-ismijiet niltaqgħu ma' Ġużeppi Bonnici (ta' Lippin) ħaddied, Ninu Camilleri (ta' Ġużi), Karmnu Pace, Karmnu Farruġia (l-Oħxon), Pawlu Grima (ta' Żeżew), Pawlu Cutajar (Bejbet), Karmnu Fenech (Spanja) u oħrajn.




*Nar ta' l-ajru maħdum għall-Festa ta' l-1952*
*Bil-wieqfa mix-xellug: Wiġi Bugeja, Ninu Cuantar u Ċikku Bugeja*
*Bil-qiegħda: Ġużeppi Micallef u Pietru Tanti (ritratt Mike Grima)*

Dawn kien jaħdmu fil-foss ta' wara l-Parroċċa. It-tmexxija kienet f'idejn Ġużi Bonnici. Dan Bonnici kien magħruf sew għax-xogħol tan-nar. Ta' min isemmi li dan il-gaj kien ħadem xi xogħol għall-kompetizzjoni li kienet saret fl-okkażjoni taż-



*Kaxxa nfernali għall-Festa ta' San Pawl 1949 (ritratt Mike Grima)*

żjara li kien għamel il-Prince of Wales.

Fil-1921 fl-aqwa tal-pika bejn iż-żewġ baned fir-Rabat, Ġużeppi kien ħadem ukoll murtal li baqa' jissejjaħ Ġilju ta' San Ġużepp. F'dawn iż-żminijiet kien ġara inċident meta Pawlu Grima sofra xi ġrieħi waqt li kien qed jipprepara xi maskli għall-festa ta' Corpus. Dan ma kienx l-akbar inċident għal dan il-grupp li semmejna hawn fuq għax l-istess grupp kellu jgħaddi minn ħaġa ferm agħar.

Qabel ma nbniet is-sagrestija u s-sala ta' San Pawl kif nafuha llum, kien hemm sagrestija iżgħar u sala iżgħar fuq. F'din is-sala matul is-sena kien isir ħafna xogħol konness mal-festa. Kien ukoll isir xogħol tan-nar żgħir bħal musketterija. Darba minnhom grupp ta' nies kompost fost l-oħrajn minn Leli Pace (mastrudaxxa), Dun Robbie Calleja (ara 'Il-Festi Tagħna" 1996), Karmnu Farruġia (l-Oħxon), Karmnu Fenech (Spanja), Żaren Farruġia (ara "Il-Festi Tagħna' 1993) u Ġanni Cachia (ta' Radoss) kienu qegħdin jimlew xi musketterija. Għal din kienu qed jużaw taħlita pura tal-pitassa. F'ħin minnhom bla ma jaf ħadd kif, din ħadet in-nar u weġġħet serjament lil Leli Pace. Dan ittieħed malajr minn sħabu stess lejn l-isptar ta' Santu Spirtu fir-Rabat li jinsab ftit il-bogħod mill-Parroċċa. Wara l-interventi li sarulu mit-tobba, għalkemm Leli baqa' ħaj, il-kundizzjoni tiegħu baqgħet sejra għall-agħar sakemm wara tmint ijiem ħalla din id-dinja. Leli Pace jinsab midfun fil-kannierja ta' San Pawl. Ta' min jgħid li x-xjuħ kienu jirrakkontaw li dak inhar ta' l-inċident bid-daħna li ħarġet mit-twieqi tas-sala ċertu surġent tal-Pulizija jismu Santu ħaseb li kienet qed taqbad il-knisja u kien pront allarma lill-kappillan. Jidher iżda wkoll li l-istess kappillan ra kif għamel u mewwet kemm seta' s-serjeta' ta' dan l-inċident biex ma jittieħdux passi kontra n-nies involuti.

Dan l-istess grupp kien ħadem ukoll il-wirja spettakolari ta' logħob tan-nar li kienet saret fl-



*Grupp ieħor ta' dilettanti Pawlu Sammut u Damjan Bugeja jidhru t-tien u r-raba' mix-xellug*

okkażjoni tal-festi centinarji ta' Corpus u l-Kungress Ewkaristiku tal-1933. Il-ġbir ta' fondi għall-logħob tan-nar f'dak iż-żmien kien isir minn Karmnu Fenech (Spanja) u Karmnu Farruġia.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija ħafna drabi l-festi kienu jiġu ċċelebrati fuq skala żgħira fil-knisja. Għalhekk l-attivita' fil-qasam tal-logħob tan-nar kellha titnaqqas u f'xi żmien tieqaf għal kollox. Il-poplu kien qed jisma' biżżejjed ħsejjes ta' bombi u sparar li kienu jfakkruh biss f'korrimenti u mwiet. Dan flimkien mal-faqar ħalla l-effetti tiegħu fuq iż-żmien ta' wara l-gwerra wkoll.

Kien fl-1946 li Biagio Galea flimkien ma' Ċikku Giordmaina bdew jirsistu biex jgħaqqdu mill-ġdid grupp tan-nar billi l-ewwel jiġbrulhom il-fondi meħtieġa. Dan ġara wara li Leli Brincat (il-Babx) ħeġġeġ lill-Ċikku biex jerġgħu jibdew jaħdmu xi nar għall-festa. Ċikku kkonsulta ma' Dun Pietru Pawl Micallef, prokuratur tal-Fratellanza ta' San Pawl u flimkien ma' Biagio Galea ftiehmu li wara l-marc ta' lejliet il-festa ssir ġabra specjali. Dan kollu sar bil-patt li kull festa jiġi ppublikat rendikont. Ftit wara twaqqaf kumitat għal dan il-għan li kien jinkludi lil Ċikku Giordmaina, Ġanni Micallef, Wenzu Formosa u Pawlu Gauci. Aktar tard żdied ma' dawn is-Sur Ġużeppi Borg.

F'dak iż-żmien il-grupp tan-nar kien magħmul minn Pawlu Grima, Kristinu u Leli Borg (ta' l-Erlekkin), Pawlu w Ġanni Vella, Grezzju Buġeja, Żaren Farruġia, Ġużeppi Sammut (tal-Kappillan), Wenzu Formosa, Leli Brincat (il-Babx), Ninu w Ġużeppi Ciantar, Ġużeppi Micallef (l-Eklissi), Pawlu Micallef (tal-Pupa), Wiġi Buġeja, Felic Galea, Ġanni Buġeja, Ġanni Gauci, Karmenu Camilleri, Pietru Tanti (is-Saħħarin) u oħrajn. Jgħin lil dawn fil-manifattura ta' sfafar u logħob żgħir kien hemm ukoll Charlie Baldacchino. Wara xi żmien ingħaqdu wkoll ma' dawn Pawlu Azzopardi (Kasuri) u Damjan Buġeja. Ġużeppi Aquilina (ara "Il-Festi Tagħna" 1992), Pawlu Micallef u Ġużeppi Scerri kienu jagħtu daqqa t'id ukoll f'dak li hu ġbir ta' flus u rendikont ta' l-ispejjes u l-flus miġbura.

Għall-ewwel ix-xogħol kien isir f'razzett imwarrab fis-Swatar limiti tar-Rabat filwaqt li n-nar kien jinħaraq mil-foss ta' wara l-Parrocca, minn taħt is-Saqqajja u mill-għalqa ta' Ġużeppi Bugeja (il-Grun) fejn illum jinsabu l-'grounds' tad-Depiro Youth Centre. Ma rridux hawn ninsew insemmu l-kontribut ta' ħafna nies oħra li kienu jiddubbaw karti, kartun u materjal ieħor għall-manifattura ta' l-istess nar. Oħrajn kienu jgħinu fil-brim ta' l-iskratac. Katald Cachia u l-familja, sidien ta' St. Paul's Bakery għal żmien twil pprovdew mingħajr ħlas it-Tqiq biex tinħadem il-kolla għall-murtali. Pawlu Micallef (in-Nemsa) kien jieħu ħsieb jitma' lill-grupp tan-nar fil-ġranet tal-festa billi jipprovdi l-ikel mill-forn tiegħu.
Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin in-nar beda jinħadem fir-razett ta' Ġużeppi Buġeja (il-Grun). Filwaqt li mill-grupp li semmejna qabel spiċċaw xi wħud, ingħaqdu oħrajn fosthom Dun Anton Buġeja (li

kien jgħin ħafna fil-ġbir tal-flus - ara "Il-Festi Tagħna" 1996), Charles Giordmaina (Qajfas), Louis Borg, Ġużeppi Scerri u Toni Brincat (Bahbah). Bdew jitrawmu wkoll żgħażagħ oħra fosthom Ninu Camilleri u Joe Theuma.

Iżda l-aqwa sena għall-isbaħ spettaklu ta' logħob tan-nar li qatt kellna fir-Rabat kienet is-sena 1960 meta ġie mfakkar id-19-il ċentinarju minn Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Din l-okkażjoni ġiet iċċelebrata bil-kbir fil-Parroċċa tagħna u għal dan il-għan il-grupp tan-nar ħadem bis-sħiħ. Inġabret is-somma ta' £822.14s 2d minn ġbir u lotteriji. In-nefqa iżda għal din is-sena kienet aktar għax telgħat għal £825.14s. Il-parti l-kbira kienet dovuta minn xiri ta' materjal mingħand Joseph Dalli & Sons u mingħand is-sur Zerafa. Id-dilettanti tan-nar f'din l-okkażjoni irregalaw buġija tal-fidda biex tintrama fuq il-gradenzini ta' l-artal maġġur fil-festi ta' Corpus u San Pawl. Ikkontribwew għal dan: F. Giordmaina, E. Brincat, C. Bugeja, G.Aquilina, C. Camilleri, F. Galea, A. Ciantar, P. Sammut, Scerri, J. Gauci u D. Bugeja.

Dawk li jiftakru l-1960 żgur li ma jinsewx il-kaxxa ta' waqt il-ħruġ tal-purcissjoni li kien fiha eluf ta' bombi u beraq flimkien ma' mijiet ta' parachutes li ħafna minnhom waslu sal-pjazza tal-parrocca. Dan l-avveniment jibqa' uniku għax-xogħol kbir u ta' livell tant għoli li rnexxielhom jipproducu r-Rabtin Pawlini.

Għallum ser niefqu hawn. J'Alla jgħaddi ftit aktar żmien u xi ħadd ieħor jiddeciedi li jirrakkonta x'jiftakar li sar fl-istorja tal-logħob tan-nar. Kienet il-ħidma ta' dawn li semmejna hawn fuq u ta' oħrajn li stajna bi żball ħallejna barra, li waslet biex minn ġenerazzjoni għall-oħra rnexxielna



*Parti min-nar maħdum għall-Festi Centinarji Pawlini ta' l-1960. Fosthom jidhru Francis Giordmaina u Ġużeppi Aquilina il-ħames u r-raba' mil-lemin, li kienu nkarigati mill-ġbir tal-fondi.*

nibqgħu nżommu ħajja din it-tradizzjoni marbuta ma' l-imħabba li r-Rabtin għandhom lejn il-festi ta' Corpus u ta' San Pawl. Bil-għajnuna t'Alla din it-tradizzjoni illum għadha ħajja u aqwa minn qatt qabel. Dan għaliex illum ix-xogħol qed isir minn grupp ta' żgħażagħ u rġiel fil-Kamra tan-Nar San Pawl. J'Alla l-Mulej jibqa' jħares l-ħidma ta' dawn sħabna u jbiegħed minnhom kull periklu.



*Buġija tal-fidda mogħtija lill-knisja mid-dilettatni tan-nar fl-1960*

*Nota: Nisperaw li f'dan l-artiklu ma ħallejna lil ħadd barra. Niskużaw ruħna jekk forsi ġara dan.*